# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 638/2013 SM**

**Anika Psaila Savona**
**(I.D. Number 458270 (M))**

**vs.**

***CHI Limited***
**(C – 26086)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-28 t'Gunju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi kienet ilha tahdem mal-grupp ta' kumpaniji Corinthia ghal disa' (9) snin sa mill-2001 meta giet sussegwentement impjegata mas-socjeta` matrici il-*"Corinthia Palace Hotel Company Limited"* bhala Direttur tas-Servizzi Legali;

1.2. Illi ghall-ewwel kienet impjegata f'din il-kariga fuq bazi *"full time"*, u sussegwentement suppost fuq orarju ridott fil-kapacita` ta' konsulent legali tas-socjeta` intimata;

1.3. Illi l-kuntratt ta' ingagg bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata kien iffirmat fis-26 ta' Lulju, 2007, li permezz tieghu kien stipulat li r-rikorrenti kellha taghti hamsa u ghoxrin (25) siegha fil-gimgha servizz bhala perjodu bazi u li tieghu r-rikorrenti kellha tircievi salarju fiss;

1.4. Illi *di piu`*, kien stipulat ukoll li kwalunkwe sieghat ohra li r-rikorrenti kienet tahdem kellhom jithallsu b'rata miftehma;

1.5. Illi r-rikorrenti zzewget fl-2009;

1.6. Illi fl-1 t'Ottubru, 2009, r-rikorrenti giet ipprezentata b'kuntratt t'ingagg iehor, din id-darba bhala *"part timer"*, liema kuntratt kien jindika li l-kundizzjonijiet pattwiti fl-2007 kienu qed jigu mibdula mis-socjeta` intimata;

1.7. Illi meta kienu ghaddejjin it-trattattivi bejn il-partijiet fuq il-kundizzjonijiet tal-ingagg, fil-5 ta' Novembru, 2009, ir-rikorrenti infurmat lill-ufficcjal ezekuttiv ewlieni tas-socjeta` intimata li kienet qed tistenna tarbija;

1.8. Illi ghalhekk unilateralment twaqqfu d-diskussjonijiet rigwardanti l-kuntratt tal-1 t'Ottubru, 2009, fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel);

1.9. Illi fl-10 ta' Dicembru, 2009, giet ipprezentata b'kuntratt *"part-time"* mhux negozjabbli, liema kuntratt ma kienx jipprovdi ghall-kumpens ghas-sieghat ta' xoghol li jinhadmu mir-rikorrenti oltre s-sieghat ta' xoghol *"part-time"* stipulat;

1.10. Illi fit-18 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti irrifjutat l-imsemmi kuntratt lilha moghti u riferit fil-paragrafu precedenti, izda baqghet tippresta s-servizzi taghha *ai termini* tal-kuntratt datat is-26 ta' Lulju, 2007, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel);

1.11. Illi waqt festin tal-impjegati u d-dirigenti tas-socjeta` intimata u tas-socjeta` matrici taghha, mizmum fit-23 ta' Dicembru, 2009, ir-rikorrenti kellha inkontru ma' Alfred Pisani tal-istess, li fost affarijiet ohra qal lir-rikorrenti li mhix ser tkun tista' taghti prijorita' lill-kumpanija fuq it-tarbija taghha;

1.12. Illi gie iffissat inkontru bejn l-istess rikorrenti u l-imsemmi Pisani ghat-30 ta' Dicembru, 2009, li pero` kien ikkancellat mill-istess Pisani;

1.13. Illi fl-4 ta' Jannar, 2010, ir-rikorrenti kienet giet mitluba tiltaqa' ma' Tony Potter ufficcjal ezekuttiv ewlieni tas-socjeta` intimata, liema laqgha kienet ukoll ikkancellata;

1.14. Illi fit-8 ta' Jannar, 2010, l-istess Potter ittermina l-ingagg tar-rikorrenti;

1.15. Illi din it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti saret b'mod unilaterali u tammonta ghal trattament sfavorevoli tar-rikorrenti minhabba ir-responsabbilitajiet li ggib maghha il-familja;

1.16. Illi ghalhekk tali terminazzjoni tal-impjieg hi wahda diskriminatorja u minghajr raguni valida fil-ligi;

1.17. Illi l-istess terminazzjoni tal-impjieg hi kontra l-artiklu 4 tal-Att dwar l-Ugwaljanza ghall-Irgiel u Nisa, (Kap 456 tal-Ligijiet ta' Malta);

1.18. Illi skont l-artiklu 19 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti ghandha dritt li tipprocedi f'qorti biex tottjeni rimedju ghat-trattament diskriminatorju;

1.19. Illi *nonostante* li s-socjeta` intimata giet interpellata ghall-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens ghad-danni, baqghet inadempjenti;

1.20. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.20.1. Tiddikjara li bl-agir fuq espost tas-socjeta` intimata r-rikorrenti soffriet diskriminazzjoni *ai termini* tal-artiklu 4 tal-Kap 456 fuq riferit;

1.20.2. Tillikwida l-ammont li jidhrilha xieraq ghad-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-agir illegali tas-socjeta` intimata;

1.20.3. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont hekk likwidat;

1.20.4. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha s-socjeta` intimata rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll 14)

3.1. Illi preliminarjament jigi eccepit il-*lis alibi pendens stante* li hemm pendenti bejn il-kontendenti proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, (ara foll 19);

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.3. Illi tichad li agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti minhabba r-responsabbilitajiet familjari indikati minnha jew minhabba xi ragunijiet ohra;

3.4. Illi tichad li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-ingagg taghha kien relatat mal-fatt li r-rikorrenti kienet qed tistenna tarbija kif minnha insinwat;

3.5. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti huma skorretti;

3.6. Illi kif esposti dawn huma intizi li jaghtu stampa differenti:

3.6.1. Kemm mir-realta` tal-fatti;

3.6.2. Kif ukoll minn dak effettivament pattwit bejn il-partijiet;

3.7. Illi tikkontesta bil-qawwa l-allegazzjoni li r-rikorrenti kienet b'xi mod impjegata tas-socjeta` intimata;

3.8. Illi r-rikorrenti kienet ingaggata minnha bhala konsulent, (ara kuntratt ta' konsulenza datat is-26 ta' Lulju, 2007, a foll 21 *et sequitur*);

3.9. Illi kif stipulat fil-klawsola numru 10, (ara foll 22):

> "Nothing in this Agreement shall be construed as creating an employment relationship between the Parties";

3.10. Illi kienet ir-rikorrenti li ftit xhur qabel l-iskadenza tal-istess kuntratt li lejn l-ahhar tal-2009 talbet lis-socjeta` intimata kienitx disposta li toffrilha impjieg maghha;

3.11. Illi kien f'dan il-kuntest li s-socjeta` intimata pproponiet abbozz ta' kuntratt t'impjieg ibbazat fuq il-politika t'impjieg tal-istess socjeta`;

3.12. Illi r-rikorrenti ma kienitx qed taqbel mal-kundizzjonijiet lilha proposti u riedet izzomm il-flessibilita` tar-relazzjoni ta' kunsulenza skont ir-relazzjoni li kienet ghadha vigenti f'dak il-perjodu;

3.13. Illi minkejja li r-rikorrenti kienet b'mod informali informat lis-Sur Potter li kienet qed tistenna tarbija, s-socjeta` intimata xorta wahda baqghet tiddiskuti l-possiblita` ta' ingagg tar-rikorrenti bhala impjegata;

3.14. Illi l-fatt li r-rikorrenti kienet f'dan l-istat interessanti, dan qatt ma kien ta' xkiel ghas-socjeta` intimata;

3.15. Illi kienet ir-rikorrenti li oggezzjonat ghall-politika t'impjieg imhaddma mis-socjeta` intimata mall-impjegati kollha taghha;

3.16. Illi kienet ir-rikorrenti li rrifjutat li tigi ingaggata bhala impjegata tas-socjeta` intimata;

3.17. Illi l-kuntratt ta' konsulenza datat is-26 ta' Lulju, 2007, kien jiskadi fl-ahhar ta' Lulju, 2010, (ara klawsola tieghu numru 3 a foll 21);

3.18. Illi ghalhekk it-terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrenti minn konsulenti tas-socjeta` intimata bl-ebda mod ma kien relatat mal-fatt li r-rikorrenti kienet qed tistenna tarbija, u tali terminazzjoni kienet semplicement l-effett tal-applikazzjoni tal-klawsola indikata fil-paragrafu precedenti;

3.19. Illi s-socjeta` intimata imxiet fedelment mat-termini u l-kundizzjonijiet pattwiti fid-dawl tal-principju *pacta sunt servanda*;

3.20. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

3.21. Salv risposti ulterjuri;

3.22. Bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha datat is-16 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, u wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jindirizzaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata u konsegwentment ordnat il-kopovolgiment tal-provi, (ara foll 26);

5. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni hekk sollevata mis-socjeta` intimata bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 27);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata t-28 ta' Frar, 2014, (ara foll 38);

7. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu irtira l-ewwel eccezzjoni u ddikjara li hi effettivament superfluwa, (ara foll 42);

8. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet wara li kienu ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar x'jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz fil-mertu bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 176);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-15 t'April, 2016, (ara foll 177), flimkien ma dik sottomessa mis-socjeta` intimata, datata s-16 ta' Gunju, 2016, (ara foll 186);

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Ezaminat id-dokumenti prodotti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

12. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 200);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi analizi fattwali tal-vertenza odjerna jista' jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti bdiet tippresta s-servizzi taghha bhala avukat mas-socjeta` intimata fit-2 ta' Jannar, 2001, (ara foll 50 u 128);

13.2. Illi din ir-relazzjoni issa regolata permezz tal-iskrittura privata datata s-26 ta' Lulju, 2007, (ara foll 21), giet terminata mis-socjeta` intimata a bazi tal-ittra ta' terminazzjoni t'impjieg datata t-8 ta' Jannar, 2010, (ara foll 117);

13.3. Illi r-rikorrenti tallega li tali terminazzjoni tal-ingagg taghha mas-socjeta` intimata kienet rizultat ta' trattament diskriminatorju ghaliex li tafferma li meta waqt festin natalizju hi kienet kelmet lil Alfred Pisani tas-socjeta` intimata, u dan hemm allegatament qalilha li ma kienitx tista' taghti prijorita` lis-socjeta` intimata fuq it-tarbija li kien ser ikollha, (ara foll 51 u 129), haga li hi kategorikament michuda mill-istess Pisani, (ara foll 126);

13.4. Illi minflok l-imsemmi Pisani jsosstni li meta r-rikorrenti kelmithu fl-imsemmi festin, dan kien informha li kien deluz biha ghaliex wara li kien ghinha f'okkazzjoni precedenti kienet qajmet problema ohra, (ara foll 126);

13.5. Illi *nonostante* dan, ir-rikorrenti tinsisti li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta` intimata kienet ghaliex f'dak il-perjodu hi kienet fi stat interessanti (ara foll 131) u li ghalhekk ir-raguni lilha moghtija ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha hi wahda diskriminatorja fit-termini suesposti;

13.6. Illi l-istampa li l-ufficcjal ewlieni tas-socjeta` intimata Potter ipingi tar-rikorrenti ma tirrizultax li hi wahda luzingjiera, (ara foll 159);

13.7. Illi r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti ma kellu x'jaqsam xejn mal-istat personali tar-rikorrenti, (ara foll 163);

13.8. Illi skont l-istess ufficcjal Potter, is-socjeta` intimata ghandha storja twila ta' prattika ottima fir-rigward tal-arrangamenti li hi tiffacilita fil-kazijiet ta' maternita` li jqumu minn zmien ghal zmien, (ara foll 164);

13.9. Illi jirrizulta li ghas-socjeta` intimata r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti tidher ibbazata fuq inkompatibilita` ta' karattru, (ara foll 126 u 157);

13.10. Illi *di piu`*, *stante* li waqt in-negozjati kontrattwali r-rikorrenti insistiet li waqt li tkun ingaggata mas-socjeta` intimata tkun tista' tkompli bil-prattika privata taghha, tali possibilita` kienet tmur kontra l-*ethos* tas-socjeta` intimata, (ara foll 157);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tal-kwistjoni jekk ir-rikorrenti kienitx effettivament impjegata jew le, jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi s-socjeta` intimata toggezzjona li r-rikorrenti ghandha titqies bhala impjegata *stante* li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet naxxenti biss mill-kuntratt datat is-26 ta' Lulju, 2007, fejn ir-rikorrenti hi espressament u konsistentement indikata bhala *"consultant"* (ara foll 21);

14.2. Illi min-naha taghha r-rikorrenti temfasizza li kienet impjegata tas-socjeta` intimata ghalkemm issosstni fl-istess waqt li:

> "...din il-konsiderazzjoni mhiex importanti ghall-kwistjoni li tinsab quddiem din il-qorti", (ara foll 50 u 128);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-Kap 456 fuq riferit li fuqu jirrizulta li hi bbazata t-talba ewlenija tar-rikorrenti;

15.1. Illi fl-artiklu rigwardanti t-"tifsir" li ghandu jinghata lil certi kliem hemm elenkati l-artiklu 2 tal-istess jistabbilixxi li l-kelma "impjieg":

> "..tfisser kull attivita` bi qligh..."

15.2. Illi *stante* li r-rikorrenti tirrizulta mill-iskrittura privata datata is-26 ta' Lulju, 2007, li kienet giet ingaggata bhala konsulent b'salarju annwu indikat fil-klawsola numru erba' (4) tal-istess, (ara foll 22), allura ghandu jkun pacifiku li l-attivita` professjonali li r-rikorrenti kienet tippresta lis-socjeta` intimata kienet tinkwadra taht attivita` lavorattiva salarjata u tikkwalifika bhala "impjieg" kif definit fil-Kap 456 fuq riferit;

15.3. Illi fir-rigward ta' diskriminazzjoni allegata l-artiklu 4 tal-istess Kap jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Principali ma jistghux jiddiskriminaw direttament jew indirettament, kontra persuna fl-arrangamenti li jsiru biex jigi stabbilit jew meta jkun qed jigi stabbilit min ghandu jigi offrut

impjieg jew fil-pattijiet u kondizzjonijiet li l-impjieg jigi offrut abbazi taghhom jew fid-decizjoni dwar min ghandu jkun imkecci mix-xoghol";

Ikkunsidrat:

16. Illi fir-rigward ta' procedimenti civili bhal dak in dizamina, l-artiklu 19 tal-istess Kap 456 jirregola l-oneru tal-prova u jistipula s-segwenti:

> "(2) Fi procedimenti taht is-subartiklu (1) u f'kull procedimenti ohra li jikkoncernaw l-applikazzjoni tal-principju ta' trattament ugwali quddiem awtorita` kompetenti li ma tkunx Qorti imsemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw ruhhom trattati hazin ghaliex il-principju ta' trattament ugwali ma giex applikat ghalihom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti, jew quddiem dik l-awtorita` kompetenti, fatti li minnhom jista` jigi prezunt li kien inghata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minhabba fis-sess, jew minhabba responsabbilitajiet li ggib il-familja taghhom, ghandu jkun il-konvenut jew il-persuna li kontra taghha jkunu ingiebu dawk il-procedimenti li jgibu prova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-principju ta' trattament inqas favorevoli kien gustifkat skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-att...";

17.0. Illi fid-dawl tas-suespost ghandu allura jkun pacifiku li l-oneru tal-prova f'dawn il-proceduri delikati jinqasam f'zewg (2) strati, fejn:

17.1. Minn qed jallega d-diskriminazzjoni jrid jistabbilixxi li fil-konfront tieghu saru fatti li minnhom jista' jigi dezunt trattament diskriminatorju minhabba sess jew responsabbilitajiet li ggib il-familja;

17.2. Stabbiliti dawn il-fatti, jkun inkombenti fuq min ikollu jwiegeb ghal dan, f'dan il-kaz, is-socjeta` intimata, li effettivament, *nonostante* l-allegazzjonijiet vantati fil-konfront tieghu, jipprova li fil-fatt ma kien hemm l-ebda

ksur tal-principju ta' trattament ugwali jew anqas favorevoli fir-rigward;

17.3. Illi ovvjament tali analizi hu wiehed mhux biss delikat izda wkoll sensittiv li jimmerita attenzjoni specifika;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-artiklu 19 in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-Kap 456 jirrizulta li giet promulgat fid-9 ta' Dicembru, 2003;

18.2. Illi l-artiklu 19 tal-istess Kap jirrizulta li gie emendat permezz tal-Att XVIII tal-2014;

18.3. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fit-28 ta' Gunju, 2013, (ara foll 1);

18.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi anterjuri ghall-emenda *de quo*;

Ikkunsidrat:

19. Illi fid-dawl tas-suespost issir referenza ghall-insenjament ta' *Pacifici Mazzani* (*"Istituzioni" Vol. 1 para. 66 p.157*):

> "le leggi di procedura, regolano la forma dei giudizi, si applicano immediatamente anche alle azioni dipendenti da diritti acquistati anteriormente, non solo nei giudizi che si promuoveranno dopo l'attuazione di dette leggi, ma anche a quelli che allo stesso momento si trovino gia` in corso";

20. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, minkejja li jirrizulta li l-artiklu 19 in dizamina kif emendat dahal fis-sehh wara li giet istitwita l-procedura *de quo*, ghandu xorta wahda japplika ghall-procedura odjerna *stante* li jistipula regola procedurali;

Ikkunsidrat:

21. Illi l-partijiet it-tnejn jaqblu fuq il-fatt li l-ingagg tar-rikorrenti bhala konsulent tas-socjeta` intimata kien itterminat;

22.0. Illi dak li ma jaqblux fuqu hu r-raguni ghal tali terminazzjoni:

22.1. Bir-rikorrenti ssosstni li r-raguni ghal dan kienet diskriminatorja minhabba s-sess taghha jew minhabba responsabbilitajiet li ggib maghha l-familja;

22.2. Bis-socjeta` intimata ssosstni li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward u r-raguni ghal din it-terminazzjoni kienet ibbazata fuq ragunijiet t'inkompatibilita` karatterjali u prattici li jmorru kontra l-*ethos* azjendali;

Ikkunsidrat:

23. Illi skont l-imsemmi Potter, ic-*Chairman* tal-Grupp Corinthia ma jirrizultax li kien involut fid-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, (ara fol 163);

24. Illi kull ma jirrizulta involut dan ic-*Chairman* hu li waqt festin natalizju tal-Grupp ir-rikorrenti jirrizulta li avvincinatu biex tkellmu, u dan ma jirrizultax li ha wisq pjacir bl-istess avvicinament u ghadda l-kwistjoni lis-subalterni tieghu, (ara foll 125, 129 u 162);

25. Illi l-istess *Chairman* bil-gurament tieghu isosstni wkoll li hu ma kien ta l-ebda struzzjonijiet biex jigi terminat l-impjieg tar-rikorrenti, (ara foll 137);

26. Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi *in atti* ghalkemm l-allegazzjoni tar-rikorrenti tirrizulta fattwalment elaborata u logikament strutturata pero` ma tirrizultax indipendentement ikkorraborata u allura l-ewwel kwezit tal-artiklu 19 tal-Kap 456 ma jirrizultax sodisfatt;

Ikkunsidrat:

27. Illi *di piu`*, hi l-fehma ta’ din il-qorti li min-naha taghha s-socjeta` intimata issodisfat l-oneru taghha naxxenti mill-istess artiklu 19 in dizamina billi ipprovat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li fl-agir taghha in dizamina ma jirrizultax li kien hemm id-diskriminazzjoni lamentata mir-rikorrenti;

28. Illi ma jirrizultax, mill-atti kif fuq sintetikament elenkati, li l-animu wara d-decizjoni tas-socjeta` intimata kien li tkun volutament diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrenti minhabba l-istat ta’ maternita` li kienet fih f’dak il-perjodu partikolari;

29.0. Illi inzerta li f’dak il-perjodu jirrizulta li kien hemm ukoll diversi fatturi ohra li kien qe ikollhom effett indirett fis-sitwazzjoni kif kienet qed tizviluppa bejn il-partijiet, fosthom:

29.1. It-terminazzjoni iminenti tat-terminu kontrattwali kif stipulat fil-klawsola numru 3 tal-iskrittura privata tas-26 ta’ Lulju, 2007, (ara foll 21);

29.2. In-negozzjar tal-kundizzjonijiet godda ghall-impjieg tar-rikorrenti mas-socjeta` intimata, (ara foll 157);

29.3. Il-fatt li ftit taz-zmien qabel ir-rikorrenti kienet kostretta tnaqqas mis-servizzi taghha fl-istess socjeta` intimata minhabba ragunijiet serji familjari, (ara foll 126);

29.4. L-atitudini relazzjonali tar-rikorrenti mal-kollegi taghha fuq ix-xoghol, fejn l-aggettivi uzati minn rapprezentant tas-socjeta` intimata fuq gia` riferit ma jirrizultawx li huma xejn luzingjieri fil-konfront taghha, (ara foll 159);

Ikkunsidrat:

30. Illi jirrizulta pacifiku li dawn il-fatturi lkoll ikkontribwew biex wehidhom joholqu l-konvinciment tas-socjeta` intimata li tipprocedi bil-mod hawn in dizamina fil-konfront tar-rikorrenti;

31. Illi ghalhekk ma jirrizultax li r-rikorrenti ipprovat l-allegazzjoni taghha li l-motivazzjoni wara tali decizjoni tas-socjeta` rikorrenti kienet wahda diskriminatorja fit-termini tal-Kap 456 fuq riferit,

ghaliex inzerta li f'dak il-perjodu r-rikorrenti kienet fi stat ta' maternita`;

Ikkunsidrat:

32. Illi jirrizulta li f'waqt minnhom il-partijiet kienu qeghdin ukoll jinnegozjaw arrangament li fih ir-rikorrenti kienet tottjeni aktar flessibilita` fix-xoghol taghha mas-socjeta` intimata, (ara foll 128 u 156);

33. Illi fost il-possibilitajiet esplorati f'dawn in-negozzjati jirrizulta li kien anke propost li r-rikorrenti tigi impjegata bhala konsulent legali *"full time"* tas-socjeta` pubblika *International Hotels Investments p.l.c.,* (ara foll 156);

34. Illi pero` jirrizulta li l-istess rikorrenti irrifjutat din l-offerta u indikat li kienet lesta tirrizenja mill-impjieg taghha minn mas-socjeta` matrici *Corinthia Palace Hotel Company Limited*, (ara foll 156 u 129);

35. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ma accettatx din l-offerta lilha hekk offruta;

36. Illi jirrizulta minn *Memorandum* datat l-10 ta' Dicembru, 2009, mibghut mill-ufficcjal ewlieni u *managing director* tas-socjeta` *CHI Hotels & Resorts Limited* li dan kien kiteb hekk lir-rikorrenti: (ara foll 102)

> "In relation to you informing us on the 5th of November, 2009, of your pregnancy and if you wish to remain on your consultancy agreement, we will be pleased to agree your absenteeism from responsibilities to attend the office and would be pleased to discuss this with you in terms of the detail as you wish and as appropriate.
>
> "During your absence from the office, CHI is pleased to confirm that we will make an ex-gratia discretionary payment on the basis should you decide to continue with your present consultancy agreement";

Ikkunsidrat:

37. Illi ghalkemm jista' jaghti l-kaz li n-negozjati kienu regoruzi, mis-suespost ma jistghax jigi dezunt li s-socjeta` intimata itterminat il-ftehim ta' konsulenza li r-rikorrenti kellha maghha minhabba l-maternita` tar-rikorrenti;

38. Illi *se mai*, li jirrizulta li proprju minhabba il-maternita` s-socjeta` intimata kienet qed taccetta unilateralment li r-rikorrenti tkun ghalhekk assenti minn xogholha u li kienet lesta wkoll li tinnegozja pakkett mar-rikorrenti fir-rigward ta' dan l-izvilupp sabih tal-maternita` anke billi teffetwa pagament *ex gratia*;

Ikkunsidrat:

39. Illi ghandu jigi sottolineat li *ai termini* tal-klawsola numru 3 tal-kuntratt t'impjieg datat is-26 ta' Lulju, 2007, l-ingagg temporanju u ghal zmien determinat skada fil-31 ta' Lulju, 2010, (ara foll 21);

40. Illi *nonostante* l-iskadenza preciza pattwita, l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat minflok fit-8 ta' Jannar, 2010, (ara foll 117);

41. Illi fil-*"proviso"* annessa mal-istess klawsola numru 3 indikata aktar qabel, jirrizulta wkoll li l-partijiet tal-istess kuntratt t'impjieg qabblu wkoll fuq is-segwenti:

> "Provided furthermore that the parties are hereby agreeing that the Company will be free to terminate this agreement at any time by giving to the Consultant three (3) months notice in writing to this effect, without incurring any liability whatsoever, whilst the Consultant will be free to terminate this Agreement at any time by giving to the Company one (1) month's notice in writing to this effect, without incurring any liability whatsoever", (ara foll 21);

Ikkunsidrat:

42. Illi minn ezami tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti fejn jirrizulta li l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg intbaghtet lir-rikorrenti fit-8 ta' Jannar, 2010, (ara foll 117), meta l-kuntratt t'impjieg ghall-perjodu determinat kien gia` skada fil-31 ta' Lulju, 2009, (ara foll 21), u konsegwentement dan allura jissodisfa pjenament it-terminu hemm impost;

43.0. Illi ittra elettronika interna datata t-23 ta' Dicembru, 2009, mibghuta minn Tony Potter lil Simon Naudi, ufficcjal ezekuttiv ewlieni kongunt, titfa' dawl ulterjuri fuq il-vertenza in dizamina billi taghti sunt tas-sitwazzjni kif kienet zviluppat sa dak il-mument: (ara foll 165)

43.1. Illi r-relazzjoni mar-rikorrenti kellha diffikultajiet sa mill-bidu nett;

43.2. Illi l-affarijiet fir-rigward ma kienux ser jinbiddlu;

43.3. Illi fir-relazzjonijiet taghhom mar-rikorrenti, Joe Fenech u forsi ohrajn, kienu ilhom isofru;

43.4. Illi l-avukat Vella kien irrediga ftehim li ghin biex jigu sorvolati diversi diffikultajiet, liema ftehim ta' konsulenza kien gie regolarment iffirmat;

43.5. Illi r-rikorrenti kienet informata li maz-zmien kienet zgur tigi ikkunsidrata l-possibilita` li jigi redatt kuntratt t'impjieg regolari kif kienet tixtieq hi;

43.6. Illi fuq insistenza tal-istess rikorrenti kien eventwalment prodott dan il-kuntratt t'impjieg;

43.7. Illi wara negozjati assidwi jirrizulta li r-rikorrenti irrifjutat li tiffirma dan il-kuntratt t'impjieg *stante* li ma kienx gie redatt skont ix-xewqat taghha;

43.8. Illi pero` kieku dawn ix-xewqat taghha kienu gew milqugha l-kuntratt taghha kien ikun wiehed uniku li hadd aktar fil-Grupp ma kien ikollu beneficcji daqsha u lanqas kienu pratikati f'kumpaniji ohra;

Ikkunsidrat:

44. Illi minn analizi tal-istess minn imkien ma jirrizulta li l-maternita` tar-rikorrenti tiffigura bhala raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta` intimata;

45. Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-possibilita` li t-terminazzjoni tal-impjieg in dizamina sehh minhabba r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-familja;

46. Illi in effetti minn ezami tan-negozjati fuq riferit wiehed xorta jista' facilment jinterpreta l-izvilupp riskontrat bil-mod propost mir-rikorrenti pero` jigi immedjatament ribadit li l-prova oggettiva fir-rigward mhix riskontrata, u ghalhekk jonqos ir-rekwizit rikjest mill-artiklu 19(2) tal-Kap 456 fuq riferit, (ara paragrafu sittax, (16.), aktar qabel);

47. Illi ghalhekk, ghalkemm ir-rikorrenti setghet legittimament iffurmat percezzjoni differenti tar-realta` kif kienet qed tizviluppa, u dan, minhabba l-maternita` u minhabba l-perjodu sentimentalment iebes li kienet precedentement ghaddiet minnhu minhabba d-dipartita tal-mama` taghha, pero` dawn iz-zewg cirkostanzi ta' sess u responsabbilita` familjari ma irrizultawx li iffiguraw fl-analizi tal-fatti kif epurat mis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

48. Illi ghalhekk, minn ezami akkurat tar-rizultanzi ipprezentati *in atti*, jirrizulta assodat li r-raguni tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' konsulenza tar-rikorrenti kif riflessa anke mill-ittra elettronika fuq analizzata, (ara paragrafu numru tlieta u erbghin punt zero, (43.0.) aktar qabel), kienet ghaliex is-socjeta` intimata ma riditx tikkonkludi ftehim t'impjieg ghall-perhodu indeterminat kif xtaqet l-istess rikorrenti minhabba l-fatt li r-rikorrenti kienet qed tinsisti li tinghata beneficji tali li s-socjeta` intimata ma kienet tikkoncedi li hadd mill-impjegati taghha u lanqas jinghataw minn azjendi ohra simili lill-ghola impjegati taghhom;

Ikkunsidrat:

49. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-motivazzjonijiet wara t-terminazzjoni tal-impjieg in dizamina huma ferm differenti minn dawk l-allegazzjonijiet postulati mir-rikorrenti, liema allegazzjonijiet ir-rikorrenti ma tirrizultax li pprezentat id-debita prova tal-ezistenza taghhom;

Ikkonsidrat:

50. Illi ghandu finalment jigi sottolineat ukoll li ghalkemm skont il-kuntratt datat is-26 ta' Lulju, 2007, (ara klawsola numru 3 a foll 21), is-socjeta` intimata kienet tenuta li taghti lir-rikorrenti avviz bil-miktub ta' tliet (3) xhur biex tittermina l-istess kuntratt, jirrizulta li minflok, l-istess socjeta` ghazlet li thallas lir-rikorrenti l-ammont indikat fl-istess ittra ta' terminazzjoni (ara foll 117);

Ikkunsidrat:

51.0. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

51.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

51.2. Takkolji r-risposti kollha tas-socjeta` intimata;

51.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**